PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2006/2251(INI)

28.2.2007

OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar programm ta' azzjoni għall-migrazzjoni legali

(2006/2251(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Marie Panayotopoulos-Cassiotou

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li se jadotta:

A. billi migrazzjoni ekonomika legali tista' tippermetti li jissaħħu t-tkabbir u l-kompetitività ta' l-ekonomija Ewropea u tista' tikkontribwixxi parzjalment sabiex jiġu ffaċċjati l-isfidi demografiċi fil-pajjiżi ospitanti,

B. billi l-immigrazzjoni, li l-għeruq tagħha issa jmorru lura bosta ġenerazzjonijiet, hija parti integrali tax-xenarju ta' l-Unjoni Ewropea,

C. billi l-migranti nisa jsofru minn akkumulazzjoni ta' diskriminazzjonijiet rigward l-oriġini u s-sess tagħhom,

D. billi l-migrazzjoni legali tista' tikkontribwixxi biex titnaqqas id-differenza ekonomika bejn il-pajjiżi ta' oriġini u l-pajjiżi ospitanti permezz tat-tkabbir fid-dħul ekonomiku, titjib fil-kompetenzi u għarfien imseddaq tal-valuri u l-prattiki demokratiċi,

E. billi matul dawn l-aħħar snin kien hemm femminizzazzjoni mgħaġġla tal-fenomenu tal-migrazzjoni, kemm dik legali kif ukoll dik illegali,

F. billi n-nisa jiffaċċjaw riskju doppju ta' esplojtazzjoni, kemm bħala ħaddiema u kemm bħala vittmi ta' diskriminizzazzjoni bbażata fuq il-ġeneru,

1. Jinnota li l-kwistjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel huma biss imsemmija b'mod vag fil-komunikazzjoni dwar programm ta' azzjoni għall-migrazzjoni legali u jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jintegraw rispettivament id-dimensjoni tal-ġeneru fil-proposti leġiżlattivi tal-ġejjieni dwar il-immigrazzjoni legali, kif ukoll fil-politiki nazzjonali ta' l-immigrazzjoni u fil-politiki ta' integrazzjoni;

2. Ifakkar fl-importanza ta' dejta dwar l-immigrazzjoni, (fejn possibli, maqsuma skond il-ġeneru) kif ukoll l-istudju u l-analiżi fil-fond tagħha li għandhom jippermettu li jkun hemm adattament aħjar tal-politiki għall-immigrazzjoni u għall-integrazzjoni tal-qagħda tan-nisa migrati;

3. Ifakkar li s-suċċess tal-politika għall-immigrazzjoni legali tiddependi fuq l-adozzjoni ta' approċċ globali bbażat minn naħa fuq l-adattament għal ħtiġijiet differenti tas-swieq tax-xogħol nazzjonali u fuq il-politiki għad-dħul u l-integrazzjoni li jagħtu drittijiet ekonomkiċi u soċjali lill-migranti legali, kemm irġiel u kemm nisa, u min-naħa l-oħra fuq ir-rispett tad-drittijiet u l-qsim ta' l-obbligi bejn dawn u s-soċjetà li tilqagħhom;

4. Jenfasizza li l-integrazzjoni tikkostitwixxi proċess bidirezzjonali li jassumi minn naħa li l-immigranti jkollhom ir-rieda li jassumu r-responsabbiltà ta' l-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetà ospitanti, u min-naħa l-oħra li ċ-ċittadini ta' l-Unjoni jkunu disposti li jaċċettaw u jintegraw lill-immigranti; huwa tal-fehma li f'dan il-kuntest ikun hemm lok fejn ikunu jistgħu jiġu żviluppati u applikati miżuri integrati li jkollhom l-għan li jinfluwenzaw l-atteġġjament, kemm tal-immigranti kif ukoll tas-soċjetajiet ospitanti fl-oqsma kollha konċernati u li jiġu mobilizzati riżorsi kemm minn naħa u kemm minn oħra;

5. Jistieden lill-Istati Membri biex fil-qafas tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għall-impjiegi u l-integrazzjoni soċjali jinkludu attivitajiet biex jirregolarizzaw u jippromwovu l-

parteċipazzjoni tal-migranti legali, u b'mod partikulari tan-nisa fis-suq tax-xogħol, b'kundizzjonijiet komparabbli ma' dawk ta' ċittadini komunitarji sabiex jiggarantixxu r-rispett tad-drittijiet fundamentali, ekonomiċi u soċjali tagħhom bħalma huma t-trattament u l-pagi ugwali, id-dritt għal protezzjoni soċjali u l-pensjoni, l-aċċess għall-kura tas-saħħa u għall-akkomodazzjoni deċenti, biex jinkuraġġixxu spirtu intraprenditorjali, kif ukoll biex jippromwovu l-irwol ta' rappreżentanza soċjali u ta' unions fil-proċess ta' integrazzjoni soċjali u ekonomika tal-migranti, u partikularment tal-migranti nisa;

6. Jitlob lill-Istati Membri biex jimplimentaw politiki u programmi biex jippromwovu l-integrażżjoni effikaċi tal-migranti, kemm nisa u kemm irgiel, permezz ta' tagħlim tal-lingwa tal-pajjiż ospitanti u ta' l-għarfien u r-rispett tal-leġiżlazzjoni, kultura u tradizzjonijiet, kif ukoll ta' valuri nazzjonali u Ewropej, filwaqt li jiġi rrispettati u mħarsa wkoll it-tradizzjonijiet u l-lingwi tal-pajjiż ta' oriġini;

7 Iqis li għajnuna għar-rinuifikazzjoni tal-familji huwa fattur li jikkontribwixxi għall-integrazzjoni ekonomika u soċjali u għandu jkun komponent essenzjali tal-politika għall-immigrazzjoni legali;

8. Jitlob lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri li nisa immigranti li jidħlu fl-Unjoni permezz ta' arranġamenti għar-rijunifikazzjoni tal-familji jingħatalhom stejtus legali indipendenti minn dak tal-konjugi tagħhom;

9. Jitlob lill-Istati Membri biex jiffaċilitaw l-aċċess ta' immigranti żagħżagħ, speċjalment immigranti nisa, għas-sistemi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ tal-pajjiż ospitanti u biex jippromwovu l-parteċipazzjoni tagħhom fil-Programm ta' Tagħlim għal tul il-Ħajja, 2007-2013; iqis li huwa partikularment importanti li jiġu rikonoxxuti l-kwalifiki professjonali ta' l-immigranti skond ir-regolamenti nazzjonali u komunitarji u li jingħatalhom aċċess għal taħriġ fil-lingwi li jgħinhom jintegraw ruħhom aħjar,

10 Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiġġieldu l-immigrazzjoni irregolari u l-impjegar illegali li jwassal għall-iżvilupp ta' netwerks mafjużi li b'mod partikulari jaqgħu vittmi tagħhom in-nisa u t-tfal vulnerabbli;

11. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex japprofittaw ruħhom bis-sħiħ mill-istrumenti finanzjarji kollha disponibbli (il-Fond Soċjali Ewropew, l-ERDF, l-inizjattiva EQUAL, il-programm PROGRESS, il-programm DAPHNE, il-programm Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi Migratorji, eċċ.) biex jgħinu fl-integrazzjoni soċjali u ekonomika ta' migranti legali billi tingħata attenzjoni partikulari għas-sitwazzjoni tan-nisa, u b'mod speċjali għal dawk li għandhom obbligazzjonijiet tal-familja, kif ukoll għal dawk li huma l-aktar esposti għall-esplojtazzjoni, għall-abbuż u għall-vjolenza; jirrakkomanda li, bil-kollaborazzjoni tal-pajjiżi ta' oriġini, l-informazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem, u b'mod partikulari dwar id-drittijiet tan-nisa, tiġi tradotta fil-lingwi tal-pajjiż ta' oriġini, u li din tingħata lill-ħaddiema kollha meta jaslu fil-pajjiż ospitanti;

12. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex fil-qafas tas-sena Ewropea ta' l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd jagħmlu kampanji ta' sensibilizzazzjoni ta' l-opinjoni pubblika dwar il-problemi tal-migranti;

13. Jirrakkommanda lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex iseddqu u jappoġġjaw il-kontribuzzjoni ta' l-NGOs u ta' l-assoċjazzjonijiet tal-migranti għall-integrazzjoni u l-parteċipazzjoni sħiħa fil-ħajja soċjali u ekonomika tal-pajjiż ospitanti;

14. Jitlob lill-Istati Membri biex jippromwovu l-parteċipazzjoni ta' l-immigranti

f'organizzazzjonijiet politiċi u soċjali;

15. Iħeġġeġ lill-organizzazzjonijiet ta' l-immigranti biex jinkuraġġixxu lill-immigranti nisa, kif ukoll lill-familji tagħhom, biex jaħdmu attivament għall-integrazzjoni tagħhom u biex japprofittaw ruħhom mill-opportunitajiet li joffri l-pajjiż ospitanti f'dan ir-rigward, hekk li jappoġġjaw l-isforzi għall-integrazzjoni fis-soċjetà ospitanti; jinnota l-fatt li l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali għandu jkollhom djalogu aktar intensiv u miftuħ biex jiżguraw komunikazzjoni u kollaborazzjoni mal-komunitajiet u man-netwerks tal-immigranti; jenfasizza barra minn hekk l-irwol li għandhom l-NGOs biex joffru pariri, informazzjoni u għajnuna lill-immigranti, partikularment lill-immigranti nisa;

16. Jitlob lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jadottaw il-miżuri kollha meħtieġa biex jipproteġu d-drittijiet tan-nisa u tan-nisa immigranti żagħżagħ u biex jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni li dawn jiffaċċjaw fil-komunità ta' oriġini tagħhom, hekk li tiġi miċħuda kull forma ta' relativiżżmu kulturali u reliġjuż li jista' jhedded id-drittijiet fundamentali tan-nisa, u b'mod partikulari biex jiġġieldu kontra l-mutilażżjoni ġenitali femminili, iż-żwieġ bilfors, il-poligamija, id-"delitti ta' l-unur" u kull tip ta' vjolenza u diskriminazzjoni kontra n-nisa immigranti; jitlob li jiġu ffinanzjati servizzi ta' konsultazzjoni b'xejn disponibbli għall-immigranti nisa rigward id-drittijiet tan-nisa, is-saħħa u d-drittijiet dwar sess u għar-riproduzzjoni, kif ukoll drittijiet dwar ix-xogħol u oqsma relatati oħra;

17. Iħeġġeġ lill-Unjoni u lill-Istati Membri biex jistabbilixxu sħubija mill-qrib mal-pajjiżi b'emigrazzjoni qawwija u biex jippromwovu t-tixrid ta' tagħrif dwar xogħol disponibbli fil-livell Ewropew, b'mod partikulari permezz tan-netwerk EURES, u biex joffru informazzjoni sħiħa dwar l-opportunitajiet għal immigrazzjoni legali, dwar id-drittijiet u l-obbligi fil-pajjiż ospitanti, kif ukoll dwar rikonoxximent ta' ċertifikazzjonijiet u ta' kwalfiki sabiex jiġi evitat il-fenomenu tat-telf ta' kapaċitajiet (brain drain) u biex jiġi evitat li l-migranti, b'mod speċjali n-nisa, ma jaħdmux xogħol ta' livell aktar baxx mill-kapaċijiet tagħhom jew f'ekonomiji informali tal-pajjiżi ospitanti;

18. Jenfasizza li dawn is-sħubijiet għandhom jinkludu wkoll l-għoti ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni xierqa tal-migranti, b'mod partikulari lin-nisa, dwar il-problema tat-traffikar tal-bnedmin u dwar il-forom differenti ta' esplojtazzjoni, inkluza dik sesswali u ta' forom oħrajn;

19. Ifakkar li l-politiki nazzjonali dwar l-immigrazzjoni jeħtieġ jgħinu biex tinqered il-vjolenza u d-diskriminazzjoni, speċjalment kontra n-nisa u t-tfal migranti ;

20. Jenfasizza li l-politika ta' koperazzjoni għall-iżvilupp jeħtieġ li fuq perjodu twil ta' żmien tissupplimenta l-politiki għall-integrazzjoni u l-migrazzjoni legali, tirregola u tikkontrolla l-flussi migratorji, b'mod partikulari billi tgħin biex tiġi evitata l-iskjavitu u l-esplojtazzjoni sesswali tal-bnedmin, partikularment tan-nisa u t-tfal, u billi toħloq il-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali li jippermettu r-ritorn lura lejn il-pajjiż ta' oriġini tal-migranti legali, nisa u rġiel, hekk li jkunu jistgħu jużaw l-għerf miksub f'art barranija.

PROĊEDURA

Titolu	dwar programm ta' azzjoni għall-migrazzjoni legali
Numru tal-proċedura	2006/2251(INI)
Kumitat responsabbli	LIBE
Rapporteur għal opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	FEMM 26.10.2006
Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	
Rapporteur għal opinjoni: Data tal-ħatra	Marie Panayotopoulos-Cassiotou 6.11.2006
Rapporteur għal opinjoni mibdul:	
Eżami fil-kumitat	24.1.2007 27.2.2007
Data ta' l-adozzjoni	27.2.2007
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 19 –: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Edit Bauer, Hiltrud Breyer, Ilda Figueiredo, Věra Flasarová, Lissy Gröner, Zita Gurmai, Esther Herranz García, Lívia Járóka, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Urszula Krupa, Siiri Oviir, Marie Panayotopoulos-Cassiotou, Marie-Line Reynaud, Teresa Riera Madurell, Amalia Sartori, Eva-Britt Svensson, Britta Thomsen, Corien Wortmann-Kool, Anna Záborská
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Marusya Ivanova Lyubcheva
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	
Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)	...